**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira**

**Laqgħa Numru 14** **Nhar It- Tnejn 28 ta ' Lulju, 2025**

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira ltaqa' fil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil- 5:00pm.

**Preżenti:**

- **Neville Chetcuti – Sindku**
- **Ralph Mangion – Viċi Sindku**
- **Aaron Caruana – Kunsillier**
- **Joyce Bray – Kunsilliera**
- **Ryan Sciberras – Kunsillier**
- **Tania Borg – Kunsilliera**
- **Martin Vella – Kunsillier**
- **Jessica Borg – Kunsilliera**

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):**

- **Conrad Borg Manche – Kunsillier**

**Assenti:**

Ħadd

**Uffiċjali Preżenti:**

**Mandy Farrugia – Segretarju Eżekuttiv**

**14.1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Preċedenti**

**14.1 Qari tal-Minuti:**

Is-Sindku fetaħ is-seduta u talab sabiex jiġu kkunsidrati l-minuti tal-Laqgħa Numru 13. Dawn tqassmu lill-membri kollha u ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

**14.2 Kummenti u Emendi:**

Is-Sindku rrifera għall-punt dwar il-Notebook Centre, fejn insista li l-*flyer* promozzjonali għandu jitħejja mill-aktar fis possibbli sabiex l-attività tiġi promossa kif xieraq.

**14.3 Approvazzjoni:**

Fuq proposta tal-Kunsilliera Sra Tania Borg, u sekondata mill-Kunsillier Sur Ryan Sciberras, il-minuti ġew approvati b'mod unanimu.

---

**14.2 Korrespondenza mis-Sindku**

**14.2.1 Attività "Minn Pjazza għal Pjazza":**

Is-Sindku esprima l-apprezzament tiegħu lejn dawk kollha li ħadu sehem f'din l-attività li kienet ta' suċċess kbir. Huwa rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv, lill-Kunsilliera u lill-istaff kollu li kienu involuti fl-organizzazzjoni tagħha.

Is-Sindku fakkar ukoll dwar l-attivitajiet li ġejjin:

- Żewġ attivitajiet organizzati taħt l-iskema SPI/SCI/2/2025 li se jsiru nhar l-1 u t-2 ta' Awwissu fix-Xatt tal-Gżira.
- Attività oħra bl-isem IVANt, li se ssir fis-6 ta' Awwissu, bl-appoġġ tar-Reġjun.

**14.2.2**

**Prima Call**

Il-Kunsill ġie ppreżentat b'applikazzjoni li ġiet mimlija mit-team tal-RIU relatata ma' proġett dwar healthy eating fil-iskola Secondarja (rif. Anness Appx A).

Is-Sindku rremarka li ma kienx infurmat dwar din l-applikazzjoni minn qabel.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li s-sottomissjoni tal-applikazzjoni kellha *deadline* ta' tlett ijiem biss, u dan il-perjodu koinċida ma' żmien fejn kemm is-Sindku kif

ukoll hi kienu spiss barra mill-uffiċċju minħabba x-xogħol fuq tliet kunċerti li kellhom isiru l-ġimgħa ta' wara.

Hi qalet li taqbel li kien ikun aħjar kieku s-Sindku u l-Kunsill kienu infurmati minn qabel, iżda minħabba l-ħin limitat ma setax isir b'mod aktar strutturat.

Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsilliera li, minkejja li l-applikazzjoni diġà ġiet sottomessa, jekk il-Kunsill ma jaqbilx magħha, għandu kull dritt li jirtira jew jannulla din l-applikazzjoni.

---

**4.3 Mistoqsijiet u Diskussjonijiet mill-Kunsilliera**

**4.3.1 Għaqdiet u Bejgħ ta' Ikel:**

Il-Kunsilliera Tania Borg staqsiet jekk wasalx xi feedback mill-għaqdiet li pparteċipaw fil-bejgħ tal-ikel waqt attivitajiet riċenti. Ġie rrappurtat li l-għaqdiet kollha marru tajjeb u l-proċess kien wieħed pożittiv.

**4.3.2 Kamera fi Triq Manoel De Vilhena:**

Il-Kunsillier Martin Vella reġa' sehma l-kwistjoni dwar il-kamera f'din it-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv, fi tweġiba li ngħatat mill-persuna fdata, qalet li għadha qed tistenna rispons mingħand is-*supplier* sabiex tinstalla l-kamera u jiġi żgurat li l-apparat ikun konformi mar-regolamenti.

**4.3.3 Ġnien Pubbliku u Sigurtà:**

Il-Kunsilliera Jessica Borg irrimarkat li fil-ġnien hemm bandla f'kundizzjoni perikoluża. Il-Kunsill se jibgħat lill-*handyman* sabiex jevalwa l-istat tagħha u jindirizza l-problema. F'każ li tibqa' tikkostitwixxi periklu, se tiġi magħluqa dik il-parti.

Barra minn hekk, ġew osservati irġiel jieħdu ritratti lit-tfal fil-ġnien, u sar rapport mal-għassa. Il-Kunsilliera Tania Borg issuġġeriet biex jitwaħħlu tabelli bl-indikazzjoni li "*Children must be accompanied by an adult at all times*".

**4.3.4 Ix-Xogħol fi Triq Manoel De Vilhena:**

Il-Kunsillier Ryan Sciberras staqsa dwar l-aġġornamenti relatati max-xogħol fi Triq Manoel De Vilhena. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li ġiet mibgħuta email sabiex tiġi kkonfermata d-data. Is-Sindku indika li jkun xieraq li jerġgħu jikkuntattjaw lill-perit direttament.

**4.5 Manutenzjoni tat-Toroq u Knis:**

Il-Kunsillier Aaron Caruana rrimarka li kien qed jirċievi diversi ilmenti dwar in-nuqqas ta' knis regolari fit-toroq tal-lokalità. Is-Sindku qal li għandha tintbagħat email oħra lid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tat-Tindif sabiex jiġi ċċarat meta u kif qed isir il-knis, kif ukoll sabiex jiġi indirizzat il-qtugħ tal-ħaxix fuq il-bankini.

**4.6 Skips f'Triq Turu Rizzo:**

Il-Viċi Sindku, Sur Ralph Mangion, irrappurtat li hemm żewġ *skips* f'Turu Rizzo li mhux qed jiġu mmaniġġjati kif suppost, peress li mhumiex imsakkra u qed jintużaw b'mod mhux xieraq. Is-Sindku spjega li l-Kunsill diġà għamel diversi ilmenti kemm mal-awtoritajiet kif ukoll mas-sidien.

---

**5. Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlasijiet**

L-iskeda tal-ħlasijiet numru 14/9 ġiet ippreżentata u eżaminata mill-Kunsill.
Fuq proposta tal-Kunsilliera Tania Borg, u sekondata mill-Kunsillier Aaron Caruana, l-iskeda ġiet approvata b'mod unanimu.

---

**6. Tmiem il-Laqgħa**

Is-Sindku kkonkluda l-laqgħa fit-6:35 p.m.
Is-seduta li jmiss hija skedata għall-Ħamis, 21 ta' Awwissu 2025, fis-5:30 p.m., fil-boardroom tal-Kunsill.

**IFFIRMATA:**

| | |
|---|---|
| **Neville Chetcuti** | **Mandy Farrugia** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |